

Brussell, 24 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5443/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0465(NLE)**

**ATO 2
ENV 23
IND 13**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 17087/23 +ADD1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tapprova Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) dwar l-applikazzjoni ta' salvagwardji tal-Euratom - Adozzjoni

1. Fil-21 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) dwar l-applikazzjoni tas-salvagwardji tal-Euratom¹, bl-Artikolu 79 tat-Trattat Euratom bħala bażi legali. L-għan tal-Artikolu uniku tiegħu huwa li japprova Regolament tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tas-salvagwardji tal-Euratom. Dan ir-Regolament ser jiġi ssupplimentat fi żmien debitu mil-Linji Gwida tal-Kummissjoni biex ikun hemm aktar ċarezza għall-operaturi fir-rigward ta' ċerti elementi operazzjonali. Dawn il-Linji Gwida ser jiġu diskussi mal-Istati Membri fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi.
2. Ir-Regolament il-ġdid tal-Kummissjoni ser jaġġorna u jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 302/2005. Ir-regoli riveduti jikkonċernaw ir-rapportar mill-utenti tal-materjal nukleari fl-UE fil-qafas tas-sistema superviżorja tas-salvagwardji tal-Euratom, kif previst fit-Trattat Euratom, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi f'dawn l-aħħar snin fis-settur nukleari u fit-teknoloġija tal-informazzjoni. L-għan tagħhom huwa li jiżguraw it-tkomplija tal-effettività u l-effiċjenza tas-salvagwardji tal-Euratom fil-garanzija tal-użu paċifiku ta' materjali nukleari fil-Komunità.

¹ 17087/23 + ADD 1

3. Il-bidliet proposti jintroduċu definizzjonijiet aġġornati biex itejbu l-koerenza u ċ-ċarezza, dispożizzjonijiet għas-salvagwardji mid-disinn, mudelli għall-għoti ta' informazzjoni teknika għal tipi ġodda ta' installazzjonijiet nukleari, rekwiżiti addizzjonali għar-rapportar elettroniku, u approċċ aktar gradat biex jitnaqqas il-piż għall-operaturi.
4. Il-proposta ġiet eżaminata fil-laqgħa tal-vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi fl-10 ta' Jannar 2024 u fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi fis-6, l-20 u d-29 ta' Frar 2024, l-14 u d-19 ta' Marzu 2024, l-10 u l-25 ta' April 2024 u t-28 ta' Mejju 2024. Il-proposta ġiet eżaminata fil-livell tekniku għall-aħħar darba fil-laqgħa tal-vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi fil-11 ta' Ġunju 2024.
5. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet u aktar kummenti bil-miktub tal-Istati Membri, il-Presidenza Belġjana ħejjiet test rivedut tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (bl-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni fl-anness). Fl-24 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill laħaq qbil politiku² dwar dan it-test rivedut u ddeċieda li jdaħħal dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill/Kummissjoni fil-minuti tal-Kunsill bil-ħsieb tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.
6. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jaqbel dwar it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti) kif jinsab fid-dokument 11949/24 u tad-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni kif jinsab fid-dokument 5443/25 ADD 1,
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument 11949/24 u d-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni kif tinsab fid-dokument 5443/25 ADD 1 bħala punt "A".

² 10891/24